

Brussell, 28 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

15322/22

DEVGEN 219  
JEUN 178  
ACP 126  
RELEX 1609  
COHAFA 115  
COHOM 147  
SUSTDEV 206  
EDUC 407

#### **EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	28 ta' Novembru 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14756/22
Suġġett:	Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ fl-azzjoni esterna tal-UE – Konklużjonijiet tal-Kunsill (28 ta' Novembru 2022)

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ fl-azzjoni esterna tal-UE, kif approvati mill-Kunsill fit-3914-il laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Novembru 2022.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ fl-azzjoni esterna tal-UE**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

1. Jirrikonoxxi l-kontributi sinifikanti taż-żgħażaġh għall-iżvilupp ta' futur aktar inklużiv, ekwu, sostenibbli u ġust. Il-Kunsill ifaħħar liż-żgħażaġh illi jiddedikaw kull jum ta' ħajjithom biex joħlqu dinja aħjar. Il-viżjoni, l-impenn u l-kuraġġ tagħhom jistħoq qilhom l-akbar rispettu u gratitudni. Il-ħidma għaż-żgħażaġh, maż-żgħażaġh u miż-żgħażaġh hija kruċjali biex jinqered il-faqar u biex jinkisbu l-iżvilupp sostenibbli, il-prospertà u l-paċi. Billi tqiegħed l-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh fuq quddiem nett tal-azzjoni esterna tagħha, l-UE hija determinata li tmexxi bl-eżempju biex issaħħaħ il-parteċipazzjoni u l-azzjoni kostruttiva sħaħ, ugwali, effettivi, sinifikanti u inklużivi taż-żgħażaġh, filwaqt li tagħmel progress lejn l-impenni globali sabiex jinbnew soċjetajiet aktar reżiljenti u inklużivi. Il-Kunsill għalhekk jirringrazzja għall-gwida dwar aktar ħidma għall-UE u l-Istati Membri tagħha kif ippreżentata fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ fl-azzjoni esterna tal-UE 2022 – 2027 (YAP) u jimpenja ruħu għall-objettiv li tiżdied il-parteċipazzjoni sinifikanti u attiva taż-żgħażaġh u l-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna tal-UE.
2. Jissottolinja li ż-żgħażaġh madwar id-dinja huma sħab essenzjali u affidabbli fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), u ftehimiet u strumenti multilaterali ewlenin oħra, inkluż il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima, id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, il-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom, l-UNSCR 1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u r-risoluzzjonijiet sussegwenti kollha relatati, l-UNSCR 2250 dwar iż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà u r-risoluzzjonijiet ta' segwitu tagħhom, li huma fil-qalba tal-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Kunsens Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp u l-Istrateġija tal-UE dwar il-Global Gateway.

3. Jissottolinja li involviment aktar b'saħħtu mill-UE u l-Istati Membri tagħha maż-żgħażaġħ madwar id-dinja huwa prerekwiżit biex jiġu avvanzati d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, u l-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà u fit-tul jista' jikontribwixxi għat-titjib fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiżi sħab tagħha. L-universitajiet, u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ġenerali u vokazzjonali oħra, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ jew l-organizzazzjonijiet ta' intraprendituri żgħażaġħ, it-taqsimiet taż-żgħażaġħ ta' trade unions u organizzazzjonijiet oħra ffokati fuq iż-żgħażaġħ huma atturi ewlenin fil-promozzjoni ta' sistema globali għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll li l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jitgħallmu haġna minn organizzazzjonijiet immexxija miż-żgħażaġħ u li l-parteċipazzjoni tagħhom hija kruċjali għall-formulazzjoni ta' politika inklużiva.
4. Jirrikonoxxi l-eżiti tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, u b'mod partikolari l-involviment strutturat taż-żgħażaġħ fil-Panels taċ-Ċittadini Ewropej.
5. Jafferma l-impenn tiegħu li ma jħalli lil haġna jibqa' lura u li jippromwovi l-parteċipazzjoni u l-involviment sħaħ, ugwali, effettivi u sinifikanti, inklużivi u diversi taż-żgħażaġħ mingħajr ebda forma ta' diskriminazzjoni, inkluż għal raġunijiet ta' sess, razza, oriġini etnika jew soċjali, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, diżabilità, età, orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru, jew kwalunkwe status ieħor. Il-Kunsill jimpenja ruħu li jiġġieled kontra forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni biex jiżgura approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u biex jindirizza l-inugwaljanzi. Għandhom jiġu adottati approċċi trasformattivi li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri fil-proċessi tat-tfassil ta' politika u tat-teħid ta' deċiżjonijiet sabiex jiġu promossi l-parteċipazzjoni u l-awtonomizzazzjoni sħaħ, ugwali, effettivi u sinifikanti taż-żgħażaġħ, speċjalment taż-żgħażaġħ nisa.
6. Jafferma l-impenn tiegħu għal approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u prinċipji gwida dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif espress fil-Kunsens Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni Ewropea adottat Strateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (GAP) III "Aġenda Ambizzjuża għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Għoti tas-Setgħa lin-Nisa fl-Azzjoni Esterna tal-UE" 2021-2025, li ġew milqugħa fil-Konklużjonijiet tal-Presidenza tas-16 ta' Diċembru 2020. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tikseb il-mira tal-NDICI-Ewropa Globali fejn ta' mill-inqas 85 % tal-azzjonijiet ġodda implimentati taħt dan l-istrument għandu jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala prinċipju jew objettiv sinifikanti u tal-inqas 5% ta' dawk l-azzjonijiet għandu jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ul-awtonomizzazzjoni tan-nisa u l-bniet bħala objettiv prinċipali.

7. Jisħaq li ż-żgħażaġħ huma aġenti b'saħħithom tal-bidla u l-innovazzjoni, inkluż fil-mobilizzazzjoni ta' azzjoni għal soluzzjonijiet klimatiċi. Is-sena 2022 hija ddikjarata s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, u dan jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom iż-żgħażaġħ fl-indirizzar konġunt tal-isfidi globali, fil-ġlieda kontra l-faqar, fl-indirizzar tal-inugwaljanzi, fil-bini ta' paċi dejjiema u fil-ħidma għal governanza demokratika inklużiva, tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli u l-iżvilupp sostenibbli globali fil-komunitajiet tagħhom fl-Istati Membri tal-UE u madwar id-dinja.
8. Jesprimi tħassib serju li l-faqar, l-instabbiltà, il-fraġilità, il-konflitti, it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni ambjentali, id-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, l-insigurtà fil-qasam tad-disponibbiltà tal-ilma, tal-ikel u tal-enerġija, l-ispostament furzat, l-epidemiji u l-pandemiji u sfidi oħra tas-saħħa jaggravaw l-inugwaljanzi sistemiċi eżistenti u jheddu l-kisbiet fl-iżvilupp uman, ekonomiku u soċjali li nkisbu b'mod diffiċli speċjalment fil-pajjiżi l-inqas żviluppati u fl-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw. Iż-żgħażaġħ kienu partikolarment affettwati mill-pandemija tal-COVID-19, li aggravat id-diskriminazzjoni eżistenti, b'mod partikolari kontra n-nisa u l-bniet u l-gruppi emarġinati, f'termini ta' aċċess għall-edukazzjoni u l-kontinwità f'dan il-perkors, l-oportunitajiet ta' impjieg, il-mobbiltà, is-sikurezza u s-saħħa fiżika u dik mentali. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet għal darb'oħra l-importanza tal-investment fis-saħħa u l-iżvilupp tal-bniedem, meta jitqies it-tfixkil fl-għoti ta' servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva liż-żgħażaġħ, iż-żieda fit-tqala mhux intenzjonata, il-mortalità materna, iż-żwiġijiet tat-tfal, prekoċi u sfurzati, li jimminaw id-drittijiet taż-żgħażaġħ u jwasslu għal żieda fil-prevalenza diġà għolja tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru.
9. Jesprimi tħassib serju tiegħu u l-impenn li jaġixxi meta l-parteeċipazzjoni u l-awtonomizzazzjoni sħaħ, ugwali, effettivi u sinifikanti taż-żgħażaġħ u r-rikonoxximent sħiħ u l-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet kollha tal-bniedem inkluż id-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, u speċjalment l-aċċess għal servizzi soċjali bażiċi u l-protezzjoni soċjali, u l-aċċess għall-informazzjoni jiġu mhedda, iddubitati u ċirkoskritti fi ħdan spazji demokratiċi u ċiviċi li qed jiċkienu. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-importanza li tissaħħaħ il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda, id-diżinformazzjoni, il-miżinformazzjoni u l-propaganda, filwaqt li tiġi rispettata l-libertà tal-espressjoni.

## *Involvement*

10. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien, f'approċċ ta' Tim Ewropa, biex jintegraw il-parteċipazzjoni u l-involvement sinifikanti taż-żgħażaġh f'fora internazzjonali u fil-livelli multilaterali, reġjonali, nazzjonali u lokali.
11. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jinvolvu liż-żgħażaġh madwar id-dinja b'mod sinifikanti, fl-istadji kollha tat-tfassil tal-politika, fiċ-ċikli tal-programmi, fl-inizjattivi u fid-djalogu politiku marbut mal-azzjoni esterna tal-UE u tal-Istati Membri tagħha (Tim Ewropa). Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tiegħu li jappoġġa l-parteċipazzjoni ugwali, sħiħa, effettiva u sinifikanti tan-nisa u ż-żgħażaġh, fid-diversità kollha tagħhom, inkluż fl-isferi kollha tal-ħajja pubblika u politika, skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024. L-UE għandha tiżgura wkoll koordinazzjoni u responsabbiltà msaħħa dwar kwistjonijiet taż-żgħażaġh, inkluż djalogu strateġiku, inklużiv u parteċipattiv maż-żgħażaġh, mat-tfal, mal-organizzazzjonijiet iffokati fuq iż-żgħażaġh u fuq it-tfal madwar id-dinja u għandha tagħmel hilita biex tressaq 'il quddiem l-aspirazzjonijiet u s-soluzzjonijiet taż-żgħażaġh u tinkludi l-perspettivi taż-żgħażaġh dwar l-iżvilupp. L-azzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għall-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh u biex iż-żgħażaġh ikunu jistgħu jieħdu sehem fl-avvanz tal-iżvilupp sostenibbli, id-demokrazija, il-paċi u l-azzjoni klimatika permezz ta' opportunitajiet ta' finanzjament u ta' bini ta' kapacià bħal pereżempju permezz tal-Fond għall-Awtonomizzazzjoni taż-Żgħażaġħ, l-Akkademja taż-Żgħażaġħ Afrika-Ewropa u d-dimensjoni internazzjonali ta' Erasmus+ iffinanzjata minn strumenti esterni, filwaqt li fl-istess ħin jiġi rikonoxxut il-bżonn li jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ.
12. Jistieden lill-Kummissjoni talloka r-riżorsi meħtieġa biex issaħħaħ l-involvement istituzzjonali taż-żgħażaġh permezz tal-Bord ta' Diskussjoni taż-Żgħażaġħ għal Sħubijiet Internazzjonali tal-UE, permezz tal-ħolqien ta' strutturi konsultattivi taż-żgħażaġh simili fid-Delegazzjonijiet tal-UE u permezz tan-network ta' punti fokali taż-żgħażaġh fid-Delegazzjonijiet tal-UE.
13. Jisħaq fuq il-ħtieġa għall-protezzjoni ta' attivisti żgħażaġh u ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, inkluż in-nisa u l-bniet, anki fl-ambjent diġitali. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jippromwovi ambjent sikur u favorevoli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħala atturi fihom infushom u jenfasizza l-importanza tal-Mekkaniżmu tal-UE għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem.

14. Jilqa' b'sodisfazzjon l-azzjoni tal-Kummissjoni biex issaħħaħ ambjent favorevoli għall-parteċipazzjoni u t-tmexxija inklużiva u demokratika miż-żgħażaġh minn sfondi differenti, speċjalment il-bniet, fl-aspetti kollha tal-ħajja pubblika, b'mod partikolari l-Inizjattiva Żgħażaġħ u Nisa fid-Demokrazija.
15. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-integrazzjoni tal-aġenda tan-NU għaż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà fid-djalogi politiċi tal-UE mal-pajjiżi sħab u jinsab determinat li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dik l-aġenda. Jisħaq kemm huwa importanti li l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw il-parteċipazzjoni inklużiva, sinifikanti u sikura taż-żgħażaġh f'mekkaniżmi lokali, nazzjonali u internazzjonali għall-promozzjoni ta' paċi dejjiema u r-risoluzzjoni ta' konflitt, u jiproteġu liż-żgħażaġh li jipparteċipaw f'azzjonijiet ta' paċi.
16. Jilqa' bi pjaċir il-proċess ta' rieżami għal-Linji Gwida tal-UE dwar it-Tfal u l-Konflitt Armat, li għandhom l-għan li jsaħħu l-azzjoni tal-UE għall-protezzjoni tat-tfal affettwati minn konflitt armat, abbażi ta' konsultazzjoni inklużiva u l-proċess ta' taġħlimiet meħuda.

#### *Awtonomizzazzjoni*

17. Itenni l-impenn li tal-inqas 20 % tal-għajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) iffinanzjata taħt l-NDICI-Ewropa Globali jiġu allokatu għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem. Jilqa' b'mod pożittiv ir-rwol ta' tmexxija tal-Kummissjoni fiż-żieda tal-infiq għall-edukazzjoni minn 7 % għal tal-inqas 10 % tal-finanzjament globali taħt l-NDICI - Ewropa Globali għall-Afrika sub-Saħarjana, l-Amerka Latina u l-Karibew, kif ukoll l-Asja u l-Paċifiku, inkluż permezz ta' investimenti tal-Global Gateway għall-2021-2027, u jilqa' l-kontribuzzjoni ewlenija tal-UE ta' ta' 10 % tal-baġit tal-għajjnuna umanitarja tagħha għal edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jikkontribwixxu għal dan l-appoġġ permezz ta' finanzjament, djalogu ta' politika u assistenza teknika biex jiġi żgurat aċċess ekwu għal edukazzjoni nondiskriminatorja, inklużiva, affordabbli u aċċessibbli u ta' kwalità, inkluż edukazzjoni teknika u għolja għat-tfal u ż-żgħażaġh madwar id-dinja, speċjalment il-bniet u n-nisa żgħażaġh, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżijiet fit-tul, f'konformità mal-eżiti tas-Summit tan-NU dwar it-Trasformazzjoni tal-Edukazzjoni u d-Dikjarazzjoni tal-Viżjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU.

18. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li ż-żgħażaġh jiġu appoġġati f'reġjuni milquta minn konflitti, speċjalment fil-kuntest ta' gwerer, konflitti u kriżijiet, bħall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatt sostanzjali tagħha fuq iż-żgħażaġh Ukreni, ir-repressjoni vjolenti tal-protesti paċifiċi fl-Iran, is-soppressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja u s-sitwazzjoni li qed tiddeterjora fl-Afganistan, speċjalment għan-nisa u l-bniet u l-minoranzi. Għandha tingħata l-akbar attenzjoni lill-protezzjoni tal-iskejjel, l-għalliema u l-istudenti kontra attakki u biex jiġu pprovduti l-ħtiġijiet edukattivi, tas-saħħa, soċjali u kulturali taż-żgħażaġh f'żoni ta' konflitt u f'postijiet ta' rifuġju, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi sħab tagħha.
19. Iqis li l-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh, b'mod partikolari l-awtonomizzazzjoni tan-nisa żgħażaġh u taż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet, u/jew li jgħixu f'kuntesti żvantaġġati, hija marbuta b'mod inseparabbli mal-kisba ta' ħiliet fundamentali u trasferibbli, mat-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol, u b'hekk jinħoloq aċċess ugwali għal xogħol deċenti u impjiegi produttivi, inkluż opportunitajiet għal impjieg indipendenti formali u intraprenditorija, kif ukoll li tiġi żgurata paga ugwali għal xogħol ugwali, u għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon l-azzjoni tal-Kummissjoni biex timplimenta inizjattiva Tim Ewropa dwar ħiliet xprunati mill-opportunitajiet u taħriġ ta' edukazzjoni vokazzjonali fl-Afrika u tappoġġa l-adozzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fil-Balkani tal-Punent u skemi ta' attivazzjoni simili fil-pajjiżi ġirien tal-UE.
20. Jirrikonoxxi li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), u l-akkwist u l-validazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet, inkluż il-ħiliet diġitali u trasferibbli, huma kruċjali kemm għall-appoġġ tal-ħolqien tal-impjiegi u tan-negozji kif ukoll għall-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet, biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jgawdu haġja dinjituża, ikunu involuti bis-sħiħ fis-soċjetà bħala membri responsabbli tas-soċjetà, u jikkontribwixxu għall-benesseri soċjali, ekonomiku u ambjentali tal-komunitajiet tagħhom. L-edukazzjoni mhux formali wkoll għandha rwol sinifikanti fl-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh u fl-appoġġ tal-parteċipazzjoni ekonomika, soċjali u politika tagħhom. Huwa kruċjali li tiġi integrata perspettiva tal-ġeneru f'dan ir-rigward u li titnaqqas id-differenza diġitali bejn il-ġeneri.

21. Jissottolinja kemm hu importanti li s-saħħa taż-żgħażaġh tiġi indirizzata b'mod olistiku, filwaqt li jiġu appoġġati l-isforzi globali favur il-kopertura universali tas-saħħa u favur is-saħħa diġitali, jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tas-saħħa mentali taż-żgħażaġh, jiġi promoss approċċ integrat u adattat għaż-żgħażaġh fil-qasam tas-saħħa u t-tiħiħ tas-sistemi u s-servizzi tas-saħħa kif ukoll il-politiki edukattivi. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u, f'dan il-kuntest, tibqa' impenjata favur is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR). B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u bi prezz raġonevoli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż l-edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi għall-kura tas-saħħa.

#### *Nikkollegaw*

22. Jenfasizza l-importanza li tiġi appoġġata l-mobbiltà inklużiva taż-żgħażaġh madwar id-dinja (permezz tad-dimensjoni internazzjonali ta' Erasmus+, iffinanzjata minn strumenti esterni, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà l-ġdid, is-Sħubijiet ta' Talent, il-mobbiltà għal finijiet ta' volontarjat u oħrajn), ir-rispett tal-kompetenzi nazzjonali, u l-appoġġ għall-ħolqien ta' network globali b'saħħtu ta' Alumni tal-UE.
23. Jissottolinja li l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u t-tfal fl-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza globali, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif promoss mill-Programm għall-Edukazzjoni u s-Sensibilizzazzjoni għall-Iżvilupp (DEAR), l-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Programm Dinji għall-Edukazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, hija indispensabbli biex jinkisbu UE u dinja aktar inklużivi, ugwali u sostenibbli.

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE flimkien mal-Istati Membri biex, f'approċċ ta' Tim Ewropa, jimmonitorjaw il-progress bl-użu ta' għodod eżistenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, jirrapportaw lill-Kunsill, u jsaħħu l-isforzi biex tinġabar data diżaggregata skont l-età u s-sessi. Dan jinkludi l-promozzjoni ta' approċċi trasformattivi li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri flimkien ma' politiki taż-żgħażaġh ibbażati fuq l-evidenza madwar id-dinja sabiex jiżdiedu t-trasparenza u r-responsabbiltà. Il-Kunsill jappella wkoll lill-Kummissjoni biex tiżviluppa l-qafas ta' monitoraġġ fil-ħin u f'kollaborazzjoni mill-qrib maż-żgħażaġh u biex tinkorpora l-impenji u l-prijoritajiet tal-YAP fl-iżvilupp ta' programmi fil-livell nazzjonali kif ukoll fir-rieżami ta' nofs it-terminu li jmiss tal-istrument NDICI-Ewropa Globali. It-tagħlimiet meħuda mill-monitoraġġ ser ikunu importanti bil-ħsieb tal-istrumenti ta' finanzjament futuri tal-UE għall-azzjoni esterna wara l-2027.

---